# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, It-Tnejn, 27 ta' Jannar, 2025

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 71/2023 ISB**

**Josef Schultheis (detentur tal-karta tal-identita' Maltija 65158A)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Josef Schultheis**, tal-20 ta' Novembru 2023, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:-

1. *Tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex, ai termini tal-Artikolu 98 (4) tal-Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations, 2004, jerga' jiddahhal l-isem tal-kumpanija Avar Marine Limited [C-56481] fir-registru*

*tal-kumpaniji, b'dan illi l-istess kumpanija titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-registru;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-publikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligijiet relattivi ghal tali inserzjoni fir-registru tal-kumpaniji;*
3. *Taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni sabiex il-kumpanija Avar Marine Limited [C-56481] u l-persuni kollha interessati, jitqieghdu fl-istess posizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-imsemmija kumpanija ma jkunx thassar minn fuq ir-registru.*

U dan wara li ppremetta:

*Illi ricentement, r-rikorrent sar jaf illi l-isem tal-kumpanija Avar Marine Limited [C-56481] gie imhassar minn fuq ir-registru tal-kumpaniji b'effett mid-19 ta' Lulju 2023 kif jirrizulta mill-estratt mehud mis-sit ufficjali tal-Malta Business Registry, hawn anness u mmarkat **DOK AN1** u dokument illi gie ppublikat fis-26 ta' Lulju 2023 [**DOK AN2**];*

*Illi r-rikorrent qed jannetti kopja ta' "Memorandum and Articles of Association" [**DOK AN3**] tal-kumpanija Avar Marine Limited [C-56481] – li giet registrata taht il-Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations, 2004, fejn jirrizulta illi huwa l-uniku azzjonist u direttur tal-kumpanija msemmija;*

*Illi r-rikorrent ghandu interess, ai termini tal-Artikolu 98 (4) tal-Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations, 2004, illi l-isem tal-kumpanija Avar Marine Limited [C-56481] jerga' jidhol fir-registru tal-kumpaniji principarjament ghaliex l-imsemmija kumpanija hija s-sid tal-bastiment ossia "pleasure yacht" bl-isem "XP-ACT" kif jirrizulta mill-anness certifikat anness u mmarkat [**DOK AN4**] validu sal-5 ta' Gunju 2024;*

*Illi dejjem ai termini tal-Artikolu 98 (4) tal-Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations, 2004,*

*fil-gurnata tal-prezentata ta' dan ir-rikors, ghadu ma ddekorriex il-perjodu ta' hames snin mill-publikazzjoni tal-avviz tat-thassir tal-isem tal-kumpanija Avar Marine Limited [C-56481] minn fuq ir-registru tal-kumpaniji;*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 3 sa fol 15).

Rat **id-digriet** tagħha tat-22 ta' Novembru 2023 u li bih ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-24 ta' Jannar 2024 fid-9:30 a.m.

Rat in-nota tar-rikorrent intavolata fl-14 ta' Diċembru 2023 (fol 17) li permezz tagħha ippreżenta affidavit tiegħu stess (fol 18).

Rat illi fil-21 ta' Diċembru 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 22) bid-dokument hemmhekk anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Avar Marine Limited (C 56481) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit-28 ta' Mejju 2012;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset milli tibgħat prospetti annwali u kontijiet lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Merchant Shipping (Shipping Organisations-Private Companies) Regulations. Tant hu hekk illi l-aħħar prospett annwali illi rreġistrat il-kumpanija kien dak tas-sena 2014 filwaqt li minn meta daħal l-obbligu li jiġu sottomessi il-kontijiet annwal għal kumpaniji reġistrati taħt il-Merchant Shipping (Shipping Organisations-Private Companies) Regulations, il-kumpanija qatt ma ssottomettiet it-tali kontijiet annwali tagħha;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponenti Reġistratur tissoponi illi il-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini l-Artikolu 98(1) tal-Merchant Shipping (Shipping Organisations-Private Companies) Regulations;*

*Illi irid jiġi sottolineat illi l-esponenti bl-ebda mod ma ħassret ir-reġistrazzjoni tal-kumpanija de quo kif intqal fir-rikors promotur. Dan għaliex sempliċement ħassret l-isem tal-kumpanija billi għamlet użu mir-rimedju illi tipprovdi l-liġi meta kumpanija ma tkunx qed tonora l-obbligi tagħha, speċifikament l-artikolu 98(1) tal-Merchant Shipping (Shipping Organisations-Private Companies) Regulations;*

*Illi jidher b'mod ċar u lampanti illi kienu nuqqasijiet kbar min-naħa tas-soċjeta' Avar Marine Limited (C 56481) u l-uffiċjali tagħha illi*

*wasslu lill-esponenti sabiex tibda u tipproċedi bir-rimedju speċifikat fl-artikolu 98(1) tal-Merchant Shipping (Shipping Organisations-Private Companies) Regulations;*

*Illi għar-raġunijiet suesposti, ir-Reġistratur proċediet u kiteb lill-kumpanija u lill-uffiċjali tagħha sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok.* ***'A'*** *l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha, 56, Triq Il-Lunzjata, Sliema, SLM1462 Malta, kif ukoll lill-unika direttur, Josef Schultheis fl-indirizz Villa Madliena, Triq San Franġisk Ta' Assisi, Baħar Ic-Cagħaq, Naxxar, Malta, datati, 9 ta' Marzu 2023;*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpanija kif ukoll lid-direttur fuq l-istess indirizzi fit-19 ta' April 2023;*

*Illi f'din l-ittra il- kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 98(1) tal- Merchant Shipping (Shipping Organisations-Private Companies) Regulations 2004, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija.*

*Illi fid-19 ta' April 2023, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir- Reġistratur qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fid-19 ta'April 2023, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq umilment tissolleva illi jekk l-isem tal-kumpanija għandu jerġa jitpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji,*

> *tali kumpanija għandha taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan ukoll sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni.*
>
> *Illi għal dan il-għan, ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex l-affarijiet ma jitwalux bla bżonn;*
>
> *Illi l- ammont dovut bħala reġistrazzjoni fuq il-prospetti annwali li qatt ma ġew reġistrati jammonta għal* ***EUR 900****;*
>
> *Illi għaldaqstant hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ;*

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2024, deher l-Avukat Antoine Naudi għar-rikorrent u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat ukoll fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2024, saret id-dikjarazzjoni tal-intimat Reġistratur li m'hemmx kontestazzjoni fuq l-awtentiċita' tad-dokumenti esebiti mir-rikorrent. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-partijiet li m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2024, id-difensur tar-Reġistratur intimat iddikjarat illi l-pendenzi kollha li kellha s-soċjeta' Avar Marine Limited ġew regolarizzati

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2024 bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent ai termini tal-**Artiklu 98(4) tal-*Merchant Shipping (Shipping Organisations – Privat Companies) Regulations* (S.L. 234.42)**, u li permezz tagħha, ir-rikorrent, jgħid li hu l-azzjonist u d-direttur ewlieni tal-kumpanija **Avar Marine Limited (C 56481)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fid-19 ta' Lulju 2023.

Jispjega li hu għandu interess illi l-isem tal-istess kumpannija jerġa jidħol fir-Reġistru tal-Kumpaniji stante li l-kumpanija hija s-sid tal-bastiment, ossia

*pleasure yacht*, bl-isem "XP-ACT", liema bastiment jekk kemm-il darba l-kumpanija ma terġax titpoġġa fuq ir-Reġistru, isir propjeta' tal-Gvern ta' Malta.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrent għandu kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

In sostenn ta' dan ir-rikorrent ippreżenta numru ta' dokumenti li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

Fl-affidavit tiegħu, **Josef Schultheis** jgħid li ġie nfurmat mill-konsulenti tiegħu li l-kumpanija AVAR Marine Limited, ta' liema kumpanija huwa l-azzjonist u d-direttur ewlieni, ġiet *struck off* mir-Reġistru tal-Kumpaniji fid-19 ta' Lulju 2023.

Jispjega li l-istess kumpanija hija s-sid tal-*pleasure yacht* XP-ACT li għandu ċertifikat maħruġ mill-*Merchant Shipping Diretorate* ta' Malta validu sal-5 ta' Ġunju 2024. Jgħid li għandu interess evidenti li l-kumpanija terġa' titpoġġa fir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante li jekk ma jsirx dan, l-assi, inkluż il-bastiment msemmi, jgħaddu kollha għand il-Gvern ta' Malta.

Isostni li kien lest jirregolarizza l-posizzjoni tiegħu fir-rigward tal-Kumpanija, liema nuqqasijiet waslu sabiex ir-Reġistratur intimat iħassar isem il-kumpanija mir-Reġistru.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur li tibgħat kontijiet u prospetti annwali.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-ligi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan. Jgħid li din il-Qorti għandha tara li l-pożizzjoni tal-Kumpanija tiġi regolarizzata qabel ma tgħaddi għar-ravvivament tal-istess.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Artiklu 98(4) tal-*Merchant Shipping (Shipping Organisations – Privat Companies) Regulations* (S.L. 234.42):**

> *(4) If any member or creditor of the company, or any other person who appears to the court to have an interest feels aggrieved by the fact that the name of the company has been struck off the register by virtue of this regulation, the court on an application made by the member or creditor or such other person before the expiration of five years from the publication of the notice of the striking off provided for in sub regulations (2) and (3) may, if satisfied that it is proper that the name be restored to the register, order that such name be restored to the register, and upon an official copy of the order being delivered by the Registrar of Courts to the Registrar for registration, the company shall be deemed to have continued in existence as if its name had not been struck off; and the court may by its order give such directions and make such provisions as seem fit for placing the company and all other persons in the same position as nearly as may be as if the name of the company had not been struck off. The Registrar shall forthwith proceed to publish a notice in the Gazette or on a website maintained by the Registrar and in a daily newspaper circulating wholly or mainly in Malta that the name of the company has been restored to the register.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tar-Regolament appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija Avar Marine Limited ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw.

Il-Qorti però, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilità li kellu r-rikorrent illi jirregolarizzaw l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, ir-rikorrent hekk għamel tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi għandha tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, *ai termini* tar-Regolament 98(4) tal-Merchant Shipping (Shipping Organisations-Private Companies) Regulations, 2024[1], fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Avar Marine Limited (C 56481)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Avar Marine Limited (C 56481)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fir-raba' lok**, tordna illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Avar Marine Limited (C 56481)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrent.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**

[1] B'digriet tat-12 ta' Frar 2025 il-kliem "tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta" ġew korretti għal "tar-Regolament 98(4) tal-Merchant Shipping (Shipping Organisations-Private Companies) Regulations, 2024".